**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 44.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 44.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 44.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 44.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta preċedenti, seduta numru 43, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 44.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sa. Janice Chetcuti u s-Sur Stephen Caruana, issekondat mis-Sur Horace Gauci, il-minuti ta' seduta 43 ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 44.2.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett. |
| 44.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 44.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar is-6 ta' Novembru 2017, kien attenda laqgha tat-*Traffic Control Comittee* rigward il-parkeġġ dijagonali tal-bejjiegħa tal-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Xatt is-Sajjieda. |
| 44.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar it-2 u t-13 ta' Novembru 2017 kellu laqgha rigward it-tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' Marsaxlokk. Is-Sur Horace Gauci informa lill-kunsilliera li l-Awtorità tat-Turiżmu se tkun qed tgħin finanzjarment fit-tiżjin tal-Milied f'Xatt is-Sajjieda u fil-Pjazza Madonna ta' Pompei. |
| 44.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera rigward il-laqgħa li saret nhar il-15 ta' Novembru 2017, flimkien mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Clint Camilleri rigward diversi punti li jolqtu lis-sajjieda fil-lokalità. |
| 44.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-13 ta' Novembru flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa. Emma Vella nżammet laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Panis u d-Direttur tal-Gven Lokali s-Sur Adrian Mifsud, fejn ġew diskussa l-Gwardjani Lokali u l-infurzar, il-proċess tat-Tenders, kwistjonijiet marbuta ma' *Direct Orders*, u s-sistema u l-funzjoni tal-Kunsilli Lokali inġenerali. |
| 44.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li kien jinsab infurmat li ċ-ċekkijiet tal-bejjiegha tal-monti ta' nhar ta' Ħadd li se jieħdu s-somma kienu inħarġu u li sal-aħħar ta' Diċembru 2017 il-kuntratti se jkunu kollha ffirmati u l-pagamenti relatati se jkunu mgħoddija. |
| 44.3.6 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera preżenti li permezz ta' korrispondenza mingħand s-Sur Andrei Cachia, kien ġie infurmat li se jkun hemm infurzar min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jitneħħew il-*Boat Trailers* li jinsabu stazzjonalti fejn se jsir il-proġett il-ġdid tal-*Car Park*. |
| *F'dan l-istadju daħal għas-seduta s-Sur Steven Grech (5:30p.m.)* | |
| 44.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |

| | |
|---|---|
| 44.4.1 | Ma kienx hemm |
| 44.5 | Rapporti |
| 44.5.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art f'Marsaxlokk, liema dikjarazzjoni se titwaħħal fuq in-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 30/2017 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ġie infurmat dwar twettiq ta' proġetti utli għall-komunità bla spejjeż għall-Kunsill Lokali.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza minn Transport Malta bil-pjanta tat-*trench* li se ssir mill-Enemalta bejn Kalafrana u l-Power Station ta' Delimara.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali rigward korrispondenza mingħand il-Wasteserv, sabiex il-bilanċ li fadal mis-somma li kien rebaħ il-Kunsill Lokali tintuza sal-aħħar ta' Dicembru 2017.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat bi stima dwar ir-*remote controls* u l-*barrier* fil-Pjazza Madonna ta' Pompei.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat li l-kuntratt tal-*Free WiFi* li sar mal-kumpanijja Ozone ġie ffirmat u l-Kunsill Lokali kien irċieva korrispondenza sabiex dawn jibdew jiġu installati fil-ġimgħat li ġejjin.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmata b'korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-applikazzjoni għar-restawr tat-Torri Vendome ma jistax jiġi approvat minħabba l-fatt li r-restawr jieħu aktar minn 6 xhur.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand id-Dipartiment tat-Taxxa rigward *Blacklisting*, fejn jissemma s-Sur Alan Bonnici u l-kumpanija Cleaning and Security Services Ltd.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmata b'korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'isem is-Sur Louis Agius fejn qed jintalbu linji sofor u linji bojod fi Triq il-Port Ruman. Din it-talba ġa saret mill-Kunsill Lokali lill-TM u dawn tal-aħħar għadhom ma taw l-ebda risposta.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza mingħand is-Sur Louis Grech fejn qed jagħmel rikjesta għal linji bojod u linji sofor fi Triq il-Port Ruman.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati bil-bilanċ tal-UIF bħalissa jammonta €113,971.40.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati bil-*billboard* tal-proġett tal-parkeġġ il-ġdid li ser jitwaħħal fi Triq il-Kavalerizza f'Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza mid-Dipartiment tal Gven Lokali f'isem l-EU affairs rigward proposti ta' proġetti.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza/gwida mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward it-talba għal ħlas ta' xogħol mingħand is-Sur Frans Bonnici. |

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsilliera ġew infurmat b'korrispondenza ta' Fondazzjoni Nazzareth fejn qed jiġu mistiedna biex fis-26 ta' Novembru jipparteċipaw biex jinġabru fondi b'risq l-istess Fondazzjoni.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza tal-Malta Communications Authority rigward Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità għall-Libreriji Lokali u dawk Reġjonali.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni U fejn qed jagħmlu rikjesta sabiex għall-Ħdud ta' Diċembru jingħataw ftit spazju fejn jarma l-Monti sabiex jorganizzaw fund raising events. Kien hemm qbil li jingħata permess fil-Pjazza għat-tlitt iĦdud ta' Diċembru (10, 17, 24 ta' Diċembru 2017).<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza tas-Sa. Carmen Scicluna li se torganizza attività sabiex jinbiegħu xi kotba mill-Librerija b'risq l-Istrina, u ghaldaqstant talbet lill-Kunsill Lokali biex jippromwovi din l-attività fuq il-paġna ta' Facebook tal-istess Kunsill. Kien hemm qbil li l-attività ssir fit-3 ta' Diċembru 2017.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand s-Sur Thomas Schembri fejn qed jitlob permess biex issir *photo shoot* f'Xatt ia-Sajjieda bejn id-19 u l- 21 ta' Novembru 2017. It-talba ġiet milqugħa.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 7/2017 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ġie infurmat dwar Inizjattiva tal-Korsijiet Lifelong Learning 2017-2018.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmat b'korripondenza mingħand is-Sur Noel Castillo fejn staqsa jekk il-Kunsill Lokali hux se jżomm l-istess programm tal-Karnival bħas sena 2017. Kien hemm qbil li jinżamm il-budget bħas-sena 2017 għall-Karnival tal-2018.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmat b'korrispondenza mill-ACM jistaqsu jekk il-Kunsill Lokali jixtieqx jippublika d-dati, il-ħin u l-post ta' fejn ħa ssir l-attività tal-Karnival fis-sena 2018.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 94/2017 mill-Assocjazzjoni Kunsill Lokali, il-Kunsill ġie infurmat dwar diversi multi li nħarġu lill-Kunsilli Lokali mill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand s-Sur Luciano Busuttil rigward linji tat-toroq fi Triq Santa Katarina f'Marsaxlokk. Is-Sindku ġa kiteb lil TM dwar dawn u TM għandhom jiggwidaw lill-Kunsill Lokali f'din il-materja.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza mill-ERA rigward il-proposta ta' żvilupp tal-Hunters' Tower f'Lukanda Class 3B. Il-Kunsill ġa irreġistra l-interess tiegħu fir-rigward.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar deċiżjoni ta' żvilupp tal-permess PA/06618/17 (Mr Fitz, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk).<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand s-Sur Saviour Ellul rigward ħajt li ħa jinbena fi Triq il-Barrakki, Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza ta' ilmenti li saru mir-residenti u li għadhom pendenti u teħtieġ l-attenzjoni/gwida tal-Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri: PA/08812/17, PA/08268/17, PA/03848/17, PA/01603/16, PA/01659/17, PA/03061/17, PA/06675/17, PA/08820/17, RG/01305/17, PA/07602/16, PA/07758/17, PA/09008/17, PA/09068/17, PA/01660/17, PA/08704/17, PA/08643/17, PA/04253/17, PA/06618/17, PA/07419/17, RG/02415/17,PA/08444/17,PA/08484/17, RG/02279/17.<br><br>Ġie deċiż illi ma kelha tistab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għall-applikazzjoni numru PA/08309/17 u li għaliha l-Kunsill Lokali kellu jirreġistra l-interess. |
| 44.6 | Mozzjonijiet |
| 44.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 44.7 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 44.7.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 11/17 ) għall-approvazzjoni. |
| 44.7.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 44.8 | Estensjoni ta' Tender |
| 44.8.1 | Il-Kunsill Lokali ġie infurmat li l-kuntratt tat-tender tal-*Public Conveniences*, kien se jagħlaq matul ix- xahar ta' Diċembru. |
| 44.8.2 | Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu li l-kuntratt għandu jiġi estiż b'sena oħra lill-istess kuntrattur, jiġifieri lis-Sur Saviour Mifsud. |
| 44.9 | Vakanza ta' Skrivan |
| 44.9.1 | Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill Lokali dwar il-proċess għall-ħatra ta' skrivan fuq bażi *part-time* fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| 44.10 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Dicembru 2017 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 14 ta' Diċembru 2017.

IFFIRMATA

__________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv